**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 80, 27.03.2010.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-15 ta' Diċembru 2010 — Karen Goncharov vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), DSB**

**(Kawża C-156/10 P)** ([1])

***(Appell — Trade mark Komunitarja — Trade marks ikkostitwiti minn akronimi — Trade mark preċedenti DSB — Sinjal verbali "DSBW" — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Raġuni relattiva għal rifjut — Eżami tal-probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh viżiv — Xebh fonetiku — Inammissibbiltà — Evalwazzjoni tal-fatti)***

(2011/C 89/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Karen Goncharov (rappreżentant: A. Späth, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u disinni) (rappreżentant: B. Schmidt, aġent), DSB (rappreżentant: T. Graf, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-21 ta' Jannar 2010, Goncharov vs UASI — DSB (DSBW) (T-34/07), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-4 ta' Diċembru 2006, li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali "DSBW" bħala trade mark Komunitarja għal ċerti prodotti fil-klassijiet 39, 41 u 43 u li tilqa' l-oppożizzjoni tal-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja verbali preċedenti "DSB" — Probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, matul l-eżami tal-probabbiltà ta' konfużjoni, tal-karatteristiċi partikolari tat-trade marks ikkostitwiti minn akronimi — Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *K. Goncharov hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) GU C 148, 05.06.2010.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Novembru 2010 — Enercon GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Hasbro, Inc.**

**(Kawża C-204/10 P)** ([1])

***(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark verbali ENERCON — Oppożizzjoni mill-proprjetarju tat-trade mark verbali TRANSFORMERS ENERGON — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Probabbiltà ta' konfużjoni)***

(2011/C 89/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Enercon GmbH (rappreżentanti: J. Mellor, Barrister, R. Böhm, avukat)

*Appellati:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis), Hasbro, Inc.

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), tat-3 ta' Frar 2010, Enercon vs UASI (T-472/07), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għal annullament ippreżentat mill-applikant għat-trade mark verbali "ENERCON", għal prodotti fil-klassijiet 16, 18, 24, 25, 28 u 32, kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) R 959/2006-4, tal-25 ta' Ottubru 2007, li tiċħad l-appell ippreżentat mir-rikorrenti kintra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark fil-kuntest tal-oppożizzjoni mressqa mill-proprjetarju tat-trade mark verbali Komunitarja "TRANSFORMERS ENERGON", għal prodotti fil-klassijiet 16, 18, 24, 25, 28, 30 u 32 u tat-trade marks mhux irreġistrati "TRANSFORMERS ENERGON" u "ENERGON", użati fir-Renju Unit għal prodotti li jixxiebhu — Ksur tal-Artikolu 8(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud*

(2) *Enercon GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) GU C 179, 03.07.2010.